# It-Tagħlim tal-Mużika



Anthony Borg
**Surmast Direttur**

Waħda mill-aktar funzjonijiet importanti li kellhom u għad għandhom l-Għaqdiet Mużikali f'pajjiżna hija dak li jħeġġu u jipprovdu t-tagħlim tal-mużika. Kienu dawn l-Għaqdiet Mużikali li tul dawn l-aħħar mija u ħamsin sena nisslu u rawwmu f'numru kbir ta' Maltin u Għawdxin l-imħabba lejn il-mużika u fl-istess ħin ipprovdew l-infrastruttura fejn dawn setgħu jipprattikaw din l-arti .

Matul is-snin l-Għaqdiet Mużikali għamlu u għadhom jagħmlu sagrifiċċji kbar biex joffru dan is-servizz lill-komunità. Sal-lum il-ġurnata dawn għadhom joffru servizz mingħajr ħlas għat-tagħlim, jipprovdu kotba u strumenti li lkoll jiswew mijiet ta' ewro. Dan is-servizz huwa possibbli, grazzi għall-membri tal-kumitati u benefatturi li, sena wara sena, jaħdmu bla waqfien biex jinġabru l-fondi meħtieġa.

Inħoss li huwa dover tiegħi li nfakkar f'dan is-servizz soċjali li l-Għaqda Mużikali Imperial sa mill-bidu tagħha dejjem ipprovdiet u li minnu gawdew numru kbir ta' Melleħin. Inħeġġeġ lil dawk kollha li jixtiequ jagħmlu użu minn dan is-servizz li noffru biex jagħmel kuntatt magħna. It-tagħlim tal-mużika jmur ħafna 'l hinn minn sempliċiment li wieħed jitgħallem strument. Il-mużika hija forza importanti f'ħajjitna. Marbutin magħha hemm għadd ta' benefiċċji li jgħinu lill-bniedem jgħix aħjar. Tim Lautzenheiser, wieħed mill-awturi tal-metodu għat-tagħlim ta' strumenti tal-Banda, *Essential Elements 2000,* jiddeskrivi l-Banda hekk:

"**Band** is … **M**aking music with a family of lifelong friends.

**U**nderstanding how commitment and dedication lead to success.

**S**haring the joy and rewards of working together.

**I**ndividuals who develop self–confidence.

**C**reativity – expressing yourself in a universal language.

Fl-aħħarnett nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li matul l-aħħar sena taw il-ħidma tagħhom biex il-Banda u l-Kor setgħu jkollhom għal darb'oħra sena oħra ta' suċċess. GRAZZI ĦAFNA.

**www.imperialbandclub.com**

**CARMEL VELLA & SONS LTD.**
**GENERAL WHOLESALERS**
*CONFECTIONERY LINES, CIGARETTES, CIGARS & TOBACCO*
**"Arcadia", George Borg Olivier Str., Mellieħa**
**Tel: 21 520883, 9949 6643, 9949 8855**
**cvelsons@maltanet.net**